# in-Natura



15

in-Natura

pubblikazzjoni tas-
SOCJETA' GĦALL-ISTUDJU U
L-ĦARSIEN TAN-NATURA — SSCN
P O Box 459, Valletta, CMR 01.

*REBBIEGĦA 1995* *Nru. 15*

# F'DIN ILĦARĠA


5 - L-Imħar
*Adrian Mallia*

8 - L-Isturnell
*Carmel Galea Bonavia*

11 - Basal il-Ħnieżer
*Charmaine Muscat*

15 - Id-Daqquqa tat-Toppu
*John Azzopardi*

19 - Il-Friefet il-Lejl
*John J Borġ*

25 - Il-Gambli ta' l-Għadajjar
*Sandro Lanfranco*

28 - L-Ambjent fl-Aħbarijiet

31 - Lista ta' speċi li jissemmew f'din il-ħarġa


BORD EDITORJALI:
*Editur:* *Alfred E Baldacchino*
*Membri:* *John Azzopardi*
*Victor Falzon*
*Andrew Micallef*
*Patrick J Schembri*
*Produzzjoni u ssettjar:*
*Alfred E Baldacchino*
*Mitbugħ:* *Gutenberg Press*
*Ritratt tal-faccata:* *Sturnell*
*(Carmel Galea Bonavia)*

© SSCN

## Aħna u l-Ħolqien

*Il-ftit ħlejjaq li nitkellmu fuqhom f'din il-ħarġa ta'* In-Natura *jitfgħu dawl fuq id-diversita' u l-varjeta' ta' ħajja li tgħix f'dawn il-gżejjer magħna. Dawn verament huma biss ftit minn dawk li sena wara l-oħra jlibbsu, isebbu u jixhdu l-kobor tan-natura, anke f'dan id-daqsxejn ta' pajjiż żgħir, li wkoll huwa mogħni bil-ħlejjaq tiegħu.*

*L-ebda waħda mill-ħlejjaq li jaqsmu dawn il-gżejjer — jew din in-dinja — magħna, ma huwa qiegħed hemm b'kumbinazzjoni. Kollha għandhom għan fil-ħajja, kollha huma marbutin f'nisġa ma' ħlejjaq oħra u ma' l-ambjent li jgħixu fih. Bħal katina, ħolqa f'ħolqa, wieħed jiddependi mill-ieħor. Il-bniedem ukoll huwa ħolqa li trid iżżomm mal-ħoloq l-oħra biex il-katina tibqa' sħiħa, u ma tinqatax.*

*Għalhekk naraw l-importanza u r-responsabbilta' li aħna, bħala l-ħolqien l-aktar intelliġenti, għandna biex inżommu din in-nisġa bla mittiefsa, din il-katina bla qtugħ fiha. L-eżistenza tagħna tiddependi mill-ħoloq l-oħra — iva, mill-ħlejjaq l-oħra kollha li jaqsmu din l-art magħna.*

*Alfred E Baldacchino*
*L-Editur*

# DURACELL
## *offer*



Collect 5 Duracell battery
blister packs and exchange them
for this beautiful bear in canoe from:




**MUSCAT MOTORS LTD**
Rue d'Argens, Gzira, GZR 03.

*Offer valid till stocks last.*

# L-IMĦAR

*Adrian Mallia*

L-imħar jagħmel parti minn grupp kbir ta' annimali bla sinsla li jissejħu **molluski**. Bħal ħafna mill-molluski l-oħra, l-imħar għandu qoxra iebsa li jużaha biex jipproteġi ruħu mit-taħbit tal-mewġ mal-blat, kif ukoll minn annimali oħrajn li jitħajru jippruvaw jikluh.

Il-qoxra ta' l-imħar hija differenti ħafna mill-qxur ta' molluski oħra bħalma huma l-bebbux u l-gandoffli. Għandha forma ta' tarka jew plattin maqlub, b'għamla ċatta u lixxa. Dan biex il-mewġ ma jkunx jista' jaħkimha u jaqlagħha minn mal-blat. L-annimal innifsu jinsab fuq in-naħa ta' taħt tal-qoxra. Il-parti l-kbira ta' l-annimal tikkonsisti f'sieq li għandha għamla ta' waħħala (*sucker*). Dan jgħin lill-annimal iqabbad sew mal-blat, tant li meta wieħed jipprova jaqla' mħara minn mal-blat isibha diffiċli ħafna u ġieli anki tinkiser il-qoxra jew tinqala' mingħajr l-annimal.

L-imħar jgħix fuq il-blat ta' xatt il-baħar, l-iżjed fejn iħabbat il-mewġ. Fil-gżejjer Maltin għandna tliet speċi ta' mħar li jgħix f'xatt il-baħar: l-Imħara tas-Samma, l-Imħara l-Kaħla u l-Imħara tal-Furħan. It-tliet speċi ta' mħar, għalkemm kollha jistgħu jinstabu flimkien fuq l-istess blat, jokkupaw partijiet differenti ta' dan l-ambjent: min ikun viċin ħafna ta' l-ilma (l-Imħara l-Kaħla u dik tal-Furħan) u min iżjed 'il fuq fejn jintlaħaq mill-mewġ biss meta l-baħar ikun imqalleb (l-Imħara tas-Samma). L-imħar ta' Malta ma




*L-IMĦAR – għandu qoxra forma ta' tarka li tipproteġih mill-qilla tal-mewġ.*

# Pubblikazzjoni tal-Malta University Services Ltd




**ILMA, BLAT U ĦAJJA – Is-Sisien ta' l-Ambjent Naturali** – ifiehem l-istorja naturali tal-Gżejjer Maltin: kif is-saffi tal-blat issawru taħt l-ilma baħar; kif il-blat li feġġ f'wiċċ l-ilma tnaqqax bis-saħħa ta' l-elementi, kif pjanti u annimali waslu hawn, adattaw, kotru, u xterdu fil-gżejjer u l-baħar tal-madwar; kif il-bniedem ġie u għamel daru fuq din l-art waqt li biddel u anke ħarbat l-ambjent naturali li fuqu hija msejsa l-ħajja kollha ta' dawn il-gżejjer.

Dan il-ktieb huwa megħjun b'ritratti bil-kulur u bit-tpinġija bil-pinna u anke bil-kulur, biex jagħmilha aktar faċli li l-qarrejja jifhmu s-suġġett. Fi ktieb pjuttost xjentifiku bħal dan, ma stajniex naħarbu għal kollox milli nużaw kliem tekniku. U lanqas ridna naħarbuh għax nemmnu li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar se niġu bżonn kliem bħal dan fil-lingwa tagħna ta' kuljum. Għalhekk fejn ħassejna l-bżonn użajna kliem tekniku. Iżda xorta waħda daħħalna parti li tispjega xi kliem li fl-opinjoni tagħna jista' jkun kemmxejn tqil għal xi qarrejja.

Nittamaw li ILMA, BLAT U ĦAJJA jgħin biex il-qarrejja – li ma' ħlejjaq oħra jaqsmu dawn il-gżejjer – jirrealizżaw ir-responsabilità kbira li għandha bħala poplu lejn l-ambjent naturali. Nittamaw ukoll li dan il-ktieb juri li jekk l-armonija naturali titfixkel ir-riżultat jista' ma jaqbilx lill-ħajja kollha li tgħix f'dawn il-gżejjer, inkluż dik tal-bniedem stess.

*(L-awturi – Patrick J. Schembri, Alfred E. Baldacchino)*

Nixtieq nirċievi kopja/kopji .......... ta' ILMA BLAT U ĦAJJA u għaldaqstant qed nibgħat ċekk ta' Lm........... lill-MALTA UNIVERSITY SERVICES LTD, University Campus, Msida MSD 06 – Tel. 343572 – 331374

❑ *Softbound* **Lm5.00** ❑ *Hardbound* **Lm8.50**

❑ Jekk jogħġbok inkludini fil-lista postali tal-pubblikazzjonijiet tagħkom.

Isem Sħiħ .......................................................... Ċekk Nru: ..........................................

Indirizz: ...................................................................................................................

.......................................................................... Firma: ..........................................

jinstabx fil-gżejjer Maltin biss, iżda fil-Mediterran kollu u ġieli nstabu wkoll fuq xtut ta' pajjiżi Ewropej li jagħtu għal fuq l-Atlantiku.

Fejn ikun imwaħħal l-imħar iħalli marka tonda mal-blat li turi eżatt il-forma ta' qoxortu. X'aktarx li din il-marka tonda tgħin lill-imħar jeħel aħjar mal-blat peress li l-qoxra toqgħod eżatt fuqha. Din il-marka tifforma meta l-qoxra ta' l-imħar togħrok mal-blat, li biż-żmien jitħaffer.

L-imħar tax-xatt jimxi biss distanzi żgħar minn fejn ikun imwaħħal. Waqt dawn il-mixjiet qosra fuq il-blat, l-imħar ifittex l-ikel li jikkonsisti f'algi mikroskopiċi li jikbru fuq il-blat tax-xatt. L-imħar, bħall-molluski l-oħrajn, għandu lsien twil miksi b'ħafna snien żgħar, qisu raspa. B'dawn is-snien l-imħar jigref il-wiċċ tal-blat u jneħħi l-algi li jkunu qed jikbru fuqu, u jikolhom. Huwa interessanti ħafna li dawn l-annimali, wara kull dawra żgħira li jagħmlu fuq il-blat, x'aktarx illi jerġgħu lura lejn il-marka tonda li jkunu għamlu huma fuq il-blat.

L-imħar forsi huwa fost l-iktar annimali magħrufin ta' xatt il-baħar, u f'pajjiżna jinħaqar ħafna, speċjalment fix-xhur tas-sajf. Infatti, dawn il-molluski jinqalgħu minn mal-blat kull sena sabiex jittieklu. Ġieli wkoll jinbiegħu għal dan il-għan. Dan ikun jidher ċar min-numru kbir ta' marki fuq il-blat li wieħed jiltaqa' magħhom fuq ix-xatt matul is-sajf.

B'xorti ħażina, dan qiegħed ikollu impatt negattiv fuq dawn il-ħlejjaq, tant li wieħed ftit għadu jsib imħar ta' ċertu daqs fuq ix-xtut tagħna, speċjalment fi nħawi mfittxin ħafna min-nies matul is- sajf.

B'dan it-teħid, l-imħar kull ma jmur qiegħed dejjem jonqos, u b'hekk l-imħar il-kbir, jiġifieri dak li l-aktar jista' jirriproduċi u jżid fin-numru, qiegħed jitneħħa mill-popolazzjoni kull sena. B'hekk sew il-għadd u sew id-daqs ta' l-imħar dejjem qiegħed jonqos minn fuq ix-xtut tal-gżejjer tagħna.❑

# L-ISTURNELL

*Carmel Galea Bonavia*

Wieħed mill-għasafar karatteristiċi għax-xhur xitwin fil-gżejjer Maltin huwa l-isturnell. Wieħed jista' faċilment josserva dan l-għasfur fit-triqat tal-Belt meta jkun qed jidlam, meta qtajja' ta' sturnell ikunu deħlin għall-irqad fis-siġar, bħal dawk tal-bitħa tal-Palazz.

L-isturnell huwa għasfur komuni u huwa mifrux ma' l-Ewropa kollha. Dan l-għasfur ġie introdott saħansitra fl-Awstralja u fl-Amerika ta' Fuq. Minħabba li f'dawn il-pajjiżi l-isturnell qiegħed ifixkel it-tkattir ta' speċi ta' għasafar oħra, huwa meqjus bħala pest.

L-isturnell (18-il ċm) huwa għasfur xi ftit matnazz b'denb qasir u munqar kemxejn twil u rqiq. Matul ix-xhur tax-xitwa, ix-xjuh — kemm il-mara kif ukoll ir-raġel — u l-frieh ikunu jixxiebħu, kollha ta' kulur sewdieni matt b'ħafna tikek bojod u bil-munqar skur. Dawn il-karatteristiċi jitbiddlu hekk kif joqrob iż-żmien tan-namra. Il-mara ftit li xejn tinbidel; issir xi ftit aktar tleqq u inqas ittikkjata, waqt li l-parti tal-munqar t'isfel tiegħu leħħa safranija. Mill-banda l-oħra, ir-raġel isir għasfur sabiħ ferm. Huwa jitlef ftit mit-tikki tiegħu u jsir sewdieni jleqq li jkanġi f'ikħal, aħdar u aħmar ċar, speċjalment jekk tosservah f'dawl tajjeb. Dawn l-ilwien jirkaċċaw sabiħ ferm ma' l-isfar tal-pinen u mal-munqar, li jsir kważi isfar kollu.

Mal-wasla tal-ħarifa, hekk kif it-temperaturi fl-Ewropa jibdew jiksħu, għadd ta' sturnell fl-Ewropa jinżlu fil-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran. Hawn Malta jibdew jidhru għall-ħabta ta' nofs Settembru, imma bil-waħdiet. Iżda l-aqwa tal-passa ta' l-isturnell, meta dan ipassi f'numri kbar, hija minn nofs Ottubru 'l quddiem. Dawk li jkunu ser iqattgħu x-xitwa hawn Malta jkunu għamlu l-post sa l-aħħar ta' Novembru.

In-numru ta' sturnell li jżuruna f'dan l-istaġun ivarja bħal dak ta' għasafar oħra, iżda wieħed jista' jgħid li l-isturnell hawn Malta huwa komuni. Ta' spiss jinstab fi qtajja' kbar li xi mindaqqiet ilaħħqu l-mijiet, imxerrda mal-kampanja Maltija kollha, speċjalment fl-ajruport, fejn suppost huma 'l bogħod mill-kaċċaturi. Xi ġonna kbar fl-ibliet, bħal dak ta' San Anton, ukoll jiġbdu lejhom

*L-Isturnell bejjet għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin fl-1994.*


ANDREW MICALLEF
'95

numru ta' sturnell. Faċli wkoll li jidhru fuq xi erjal tat-televixin. L-isturnell jiekol dud, ħniex, bebbux, insetti u ħlejjaq oħra żgħar, li jfittixhom l-aktar fl-art. Għalhekk insibuh f'xi għalqa maħruta friska, billi bit-taqlib tal-ħamrija jfiġġu aktar minn dawn il-ħlejjaq li jħobb jiekol. Iżda l-isturnell jiekol ukoll il-bajtar tax-xewk tax-xitwa kif ukoll iż-żebbuġ, li għall-ħabta ta' Novembru jkun qed isir. Meta jibda joqrob l-għabex, l-isturnell li jkunu qed jirgħa jinġabar fi qtajja' kbar u jerħilha għall-irqad. Ifittex siġar kbar, fejn ikun jista' jorqod, bħal tal-bitħa tal-Palazz tal-Belt, xi ċimiterju bħal ta' Braxia u xi postijiet kennija oħra fl-ibliet.

Għall-aħħar ta' Jannar u l-bidu ta' Frar, l-isturnell jibda jaħseb biex jitlaq lura lejn l-Ewropa biex hemmhekk ibejjet. In-numri tiegħu jibdew jonqsu bil-mod il-mod sakemm għall-ħabta ta' nofs Frar ikun telaq kważi kollu. Jibqgħu hawn xi waħdiet. Dawn jista' jagħti l-każ li jkunu ġew feruti u ma jkunux kapaċi jpassu lura. Iżda fix-xhur tas-sajf ġieli ġie osservat xi sturnell f'pajjiżna. L-isturnell jibda jbiddel għall-aħħar ta' Jannar, u f'dawk li jkunu għadhom hawn f'nofs Frar wieħed ikun jista' jara xi sturnell raġel imbiddel għar-rebbiegħa. Fl-1994, l-isturnell bejjet għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin.

Mingħajr il-wasla ta' l-isturnell, ix-xitwa f'pajjiżna ma tkunx kompluta. L-osservazzjoni ta' mumenti fil-ħajja ta' l-isturnell, għasfur ilvent u mimli ħajja, huma mumenti verament ta' sodisfazzjon. Wieħed jista' josserva qatgħa sturnell qalb is-siġar jaqbżu bla kwiet minn fergħa għal oħra, jew inkella jgħannu minn qalb is-siġar jew jirgħu f'xi għalqa, fejn is-magħhom il-ħin kollu jillatikaw ma' xulxin.

L-isturnell jagħti l-ħajja lill-kampanja Maltija. Huwa wkoll jagħmel parti mill-wirt naturali tagħna. B'xorti ħażina, l-isturnell mhux imħares bil-liġi u waqt iż-żjara qasira tiegħu jinqatel bl-eluf minn dawk li l-gost u s-sodisfazzjon tagħhom huwa li jneħħu l-ħajja ta' l-għasafar. ❑

# BASAL IL-ĦNIEŻER

*Charmaine Muscat*

Basal il-Ħnieżer hija pjanta komuni fil-gżejjer Maltin. Din tinstab kemm fl-għelieqi kkultivati kif ukoll fi nħawi mqallba. Din il-pjanta tifforma parti mill-familja kbira tal-*Liliaceae*. Normalment il-pjanti fil-familja tal-*Liliaceae* għandhom fjuri kkuluriti jew kbar biex jiġbdu lejhom l-insetti li fuqhom jiddependu għad-dakra. Il-fjuri għandhom sitt petali u sitt stami li joħorġu minn taħt ovarju bi tliett taqsimiet.

Il-familja tal-*Liliaceae* tiġbor fiha pjanti li jibqgħu jgħixu matul ix-xhur sħan u nixfin tas-sajf billi jibqgħu reqdin taħt il-ħamrija f'forma ta' basla, wara li l-weraq u l-fjuri ta' fuq il-ħamrija jkunu nixfu u mietu. Basal il-Ħnieżer jippartjeni għall-ġeneru *Muscari*. Dawn għandhom zokk prinċipali dritt, bil-fjuri kollha mdawrin miegħu u b'weraq ħerġin mill-basla. Hemm erba' speċi ta' basal il-ħnieżer li nsibu fil-gżejjer Maltin: *Muscari comosum*, li hija l-ispeċi l-komuni, *Muscari neglectum*, *Muscari commitatum*, u *Muscari parviflorum*. Tnejn minnhom mhumiex daqstant komuni u nsibuhom imniżżlin fir-*Red Data* Book tal-gżejjer Maltin.

Il-basla ta' Basal il-Ħnieżer għandha forma interessanti ferm. Għandha zokk qasir ħafna li qatt ma jikber fuq wiċċ il-ħamrija. Il-weraq tal-basla huwa ssikkat ħafna ma' xulxin, tant li jgħatti lil xulxin. B'dan il-mod il-weraq ta' barra, li jkun mimli qxur u niexef, jipproteġi l-weraq ta' ġewwa li jkun oħxon u mimli ikel maħżun. Il-basla tfaqqas f'ħafna basal żgħir. Il-basla tippermetti lill-pjanta li tkompli tgħix fix-xhur kiefra tas-sajf u ttella' weraq ġdid fix-xhur addattati tar-rebbiegħa.

Fix-xhur tar-rebbiegħa, minn kull basla jitfaċċa zokk fuq wiċċ il-ħamrija twil bejn għoxrin u 60 ċentimetru, b'weraq twil u dritt mal-bażi tiegħu wiesa bejn 6 u 15-il millimetru. Miz-zokk joħorġu żewġ tipi ta' fjuri, dawk vjola u dawk kannella. L-iktar ħaġa li tispikka f'din il-pjanta huma l-ħafna fjuri vjola fit-tarf taz-zkuk b'mgħażel twal vjola mdawrin 'il fuq biex jiffurmaw bħal ballun tond iċċattjat minn fuq. Dawn il-fjuri ma jipproduċux żerriegħa, iżda xogħolhom hu li jattiraw l-insetti.

Il-fjuri kannella huma mxerrdin mal-bqija taz-zokk. Is-sitt petali huma forma ta' qanpiena. It-tul tal-fjura huwa minn 5 sa 7 millimetri u qiegħdin fuq magħżel daqs jew ftit itwal mill-fjura. Dawn il-fjuri huma responsabbli għat-

tkattir ta' l-istess speċi. Kull fjura tirriproduċi kemm trab tad-dakra tar-raġel kif ukoll l-ovulu tal-mara. Din il-pjanta għandha l-kapaċita' li tkattar lilha nnifisha b'żewġ metodi: jew billi mill-basla joħroġ basal ieħor u minn kull basla toħroġ xitla (riproduzzjoni assesswali); jew billi l-parti femminili tal-fjuri jiddakkru mill-parti maskili u tirriżulta frotta li jkun fiha ż-żerriegħa (riproduzzjoni sesswali).

Fil-każ ta' Basal il-Ħnieżer, il-frotta hija mlaħħma u tonda madwar żerriegħa iebsa. Din il-pjanta narawha bil-fjuri bejn Marzu u Mejju.

Minn hawn naraw kif speċi taddatta ruħha għall-ambjent li tkun qiegħda fih u kif tiżgura t-tkattir tagħha. ❑




*Ir-riproduzzjoni assesswali – mill-basla joħroġ basal ieħor*




*Il-basla tal-Basal il-Ħnieżer matul ix-xhur tas-sajf*

*BASAL ILĦNIEŻER bil-fjuri – komuni fil-gżejjer Maltin.*

A E Baldacchino



*Kilts, Kings and Castles ..
Scotland is known for its
unique history and
unspoilt nature*

SCOTLAND

# Scottish Farmhouse Holidays

**EXPERIENCE SCOTLAND**

Enjoy the country life style. Try home-grown products. Feed the cattle together with the farmer...

**Flight** Malta - Glasgow - Malta (incl. taxes)

**7 nights** accommodation on bed and breakfast basis on Scottish Farmhouses

**8 days** car hire incl. unlimited mileage, PAI, CDW, tax

**PRICE:**

**from Lm 222**

per person per week

NSTS
STUDENT AND
YOUTH TRAVEL

For further information or assistance, please contact us.

220, ST. PAUL STREET, VALLETTA VLT 07 TEL: 24 49 83

STUDENT HOUSE, UNIVERSITY OF MALTA TEL: 32 90 23 71

45 ST. FRANCIS SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO TEL: 55 39 77

# ID-DAQQUQA TAT-TOPPU

*John Azzopardi*

B'munqar twil u rqiq, toppu mrewħa, lewn roża fil-kannella u strixxi bojod u suwed, id-Daqquqa tat-Toppu hija għasfur kurjuż. Dan l-għasfur minn dejjem ġibed l-attenzjoni tal-bniedem. Xhieda ta' dan huma t-tpinġijiet realistiċi tiegħu li nstabu fuq il-ħitan ta' l-oqbra tal-qedem fl-Eġittu u fil-Greċja. Id-Daqquqa tat-Toppu tinstab tgħix fl-Ewropa, fl-Affrika u fl-Asja.

Id-Daqquqa tat-Toppu tilħaq tul ta' madwar 30 ċentimetru, u l-mara u r-raġel mhux faċli jintgħarfu minn xulxin. Dan l-għasfur iqatta' ħafna ħin fl-art u kapaċi jimxi u jiġri sewwa filwaqt li jħarrek rasu lura u 'l quddiem. Meta titgerrex, id-Daqquqa tat-Toppu ttir bi tfaqqiegħ tal-ġwienaħ għal ġo xi siġra jew fuq xi ċint jew bini. Xħin tieqaf dejjem tiftaħ it-toppu għal mument u terġa' tagħlqu. Ġwenħajha huma ttundjati u, għalkemm għandha titjira b'saħħitha, il-qadfa tal-ġwienaħ hija irregolari u inċerta, bħallikieku ma tafx fejn hi sejra.

L-ambjent ta' dan l-għasfur ivarja skond fejn jgħix u skond iż-żmien tas-sena. Fl-Ewropa, waqt iż-żmien tan-namra, id-Daqquqa tat-Toppu tippreferi postijiet bi ftit siġar xjuħ imferrxin 'l hawn u 'l hemm, speċjalment biswit xi mergħa. Tħobb tiffrekwenta wkoll l-għelieqi tad-dwieli u spiss tgħix qrib in-nies fil-villaġġi tal-kampanja, għax mhix ippersegwitata. Fin-nofsinhar ta' l-Ewropa tinstab ukoll f'ambjenti aktar aridi. Li ma tħobbx huma postijiet mingħajr siġar xejn jew msaġar u foresti folti. L-għajta tad-Daqquqa tat-Toppu *ħup-ħup-ħup-ħup-ħup*, barra li hija unika u twassal fil-bogħod, tfakkarna fil-kampanja Mediterranja, b'jiem sħan u xemxin u bil-ħoss tal-Werżieq ta' Binhar iwerżaq minn qalb is-siġar.

Ir-raġel u l-mara x'aktarx li jibqgħu flimkien għal għomorhom. Id-Daqquqa tat-Toppu tagħmel il-bejta f'xi toqba fonda u mudlama f'siġar xjuħ, bini u ħitan qodma, u munzelli ta' ġebel. Ma tibnix bejta, iżda tbid il-bajd qalb xi ġebel jew l-għeruq ta' xi siġra. Id-Daqquqa tat-Toppu ġeneralment tbid minn erba' bajdiet sa sitta, ta' għamla kemxejn ovali b'lewn abjad kaħlani. Il-mara tibda ssaħħan il-bajd qabel tkun biedet il-boton kollu. Il-bajd idum madwar 18-il jum biex ifaqqas. Malli jtellgħu r-rix, il-frieħ ikunu jixbħu lill-adulti ma' l-ewwel. Il-frieħ idumu fil-bejta bejn tliett ġimgħat u xahar, u kemm ir-raġel kif ukoll il-mara jġibulhom l-ikel li jikkonsisti f'bugħarrat, imqassijiet, gremxul, u larvi ta' insetti kbar. Ħafna mill-ikel jinqabad minn ma' l-art, fejn l-għasafar ifittxu b'reqqa kbira,





iqallbu weraq u ġebel żgħir, u jnaqqru qalb id-demel. Il-munqar twil u mgħawweġ jidher fraġli, iżda huwa tassew b'saħħtu peress li d-Daqquqa tat-Toppu spiss ittambar bih fuq iz-zkuk tas-siġar biex tnaffar xi priża li tista' tkun qed tistkenn f'xi toqba jew xaqq. Minħabba li l-biċċa l-kbira ta' l-ikel tad-Daqquqa tat-Toppu jikkonsisti f'insetti u l-larvi tagħhom, dan l-għasfur jagħmel ħafna ġid barra li jsebbaħ il-kampanja b'surtu u b'għanjietu. F'Malta, id-Daqquqa tat-Toppu tidher fostna bejn Frar u Mejju fir-rebbiegħa u bejn Awwissu u Settembru fil-ħarifa. Normalment jidhru waħdiet, iżda xi mindaqqiet jidher numru akbar. Fl-imgħoddi kienet aktar komuni. Sfortunatament, għalkemm għasfur protett, id-Daqquqa tat-Toppu tinqatel bla ħniena minn xi kaċċaturi Maltin għall-ibbalzmar. Hija tassew ħasra għax din hija għasfur fidil li jista' jsebbaħ il-kampanja tagħna kif ukoll jgħin biex jinżamm il-kontroll bijoloġiku fuq l-insetti li jagħmlu l-ħsara fl-uċuħ tar-raba'. Ta' min jgħid ukoll li hija mġieba irresponsabbli li f'pajjiżna jinqatlu għasafar li l-pajjiżi Ewropej jagħmlu ħilithom kollha biex jipproteġuhom. ❑




*ID-DAQQUQA TAT-TOPPU —*
*tidher fil-gżejjer Maltin*
*fir-rebbiegħa kif ukoll fil-ħarifa.*

# IL-FRIEFET IL-LEJL

*John Borġ*

Hekk kif ix-xemx tinħeba wara x-xefaq u s-sema tibda tiskura, numru kbir ta' ħlejjaq jistejqru. Fost dawn insibu l-friefet il-lejl. Dawn ikunu reqdin waħedhom jew f'miġemgħa f'xi rokna kennija ta' għar jew bini abbandunat. Fost ħafna twerżiq irqiq u ċaqliq mgħaġġel tar-ras u l-widnejn, jintelqu minn fejn ikunu mdendlin u jerħulha 'l barra biex ifittxu l-ikel.

Il-Friefet il-Lejl huma l-uniċi mammiferi li kapaċi jtiru. Fid-dinja nsibu madwar 950 speċi ta' friefet il-lejl. Fil-gżejjer Maltin insibu għaxar speċi biss. Ħamsa huma residenti, filwaqt li l-oħrajn ipassu. Minn skavi li saru ġewwa Għar Dalam, instabu erbatax-il speċi ta' friefet il-lejl li kienu jgħammru fil-gżejjer Maltin. Fost dawn instabet speċi ġdida *Myotis għardalamensis*, u sotto-speċi ġdida *Rhinolophus mehelyi birzebbugensis*. Illum it-tnejn huma estinti. Minbarra dawn, instabu speċi oħra li llum il-ġurnata ma għadhomx jinstabu fil-gżejjer tagħna, għalkemm għadek issibhom f'postijiet oħra.

Sfortunatament, il-wirt naturali tagħna minn dejjem kien nieqes minn apprezzament pożittiv. Dan wassal biex daħlu u ntlaqgħu ħafna qlajjiet u superstizzjonijiet dwar ħlejjaq li l-attivita' tagħhom ma kellhiex spjegazzjoni popolari. Ċerti films spettakolari li bdew jinħadmu ma għenu xejn lil dawn il-ħlejjaq u ħlejjaq oħra. L-istejjer mibnija fuq il-fantasija, bħal dawk fuq Drakula u l-Vampiri imlew il-vojt li ħalla warajh in-nuqqas ta' edukazzjoni fuq il-ħlejjaq slavaġ. Anke llum il-ġurnata għad baqa' min ma fehemx li l-friefet il-lejl għandhom funzjoni importanti fiċ-ċiklu tan-natura. Ħafna nies, per eżempju, jaħsbu li dawn l-annimali huma għomja. Il-friefet il-lejl għandhom par għajnejn u jużawhom. Iżda billi jgħixu f'ambjent imdallam, il-vista tagħhom ma tantx hi tajba. Matul iż-żminijiet il-farfett il-lejl beda juża sistema li tiddependi mis-smigħ ta' l-eku (**echo location**). Huwa jitfa ħsejjes irqaq li, meta jaħbtu ma' xi oġġett, jgħinuh jifforma stampa ċara ta' dak li jkun hemm madwaru. Din hija l-istess sistema ta' kif jaħdem ir-radar.

Waħda mill-aktar mistoqsijiet li wieħed jiltaqa' magħhom hija jekk huwiex veru li l-friefet il-lejl jixorbu d-demm. Veru, iżda mhux kif naraw fil-films ta' Drakula. Fl-Amerika t'isfel hemm il-**Vampire Bat** li jgħix fuq id-demm ta' l-annimali. L-ammont li jixrob wieħed minn dawn tant huwa żgħir li ma jagħmel l-ebda ħsara lill-annimali kbar li jiffurmaw il-

priża tiegħu. Fl-Ewropa nsibu madwar tletin speċi ta' friefet il-lejl li l-ikel tagħhom jikkonsisti biss f'insetti.

Il-friefet il-lejl joħorġu biex jikkaċċjaw madwar nofs siegħa wara li tinżel ix-xemx. Matul il-lejl jieqfu jistrieħu kemm-il darba. Huma jittajru fil-baxx b'titjira li tixbaħ ħafna lil dik ta' farfett. L-ikel tal-friefet il-lejl jikkonsisti l-iżjed f'baħrijiet u ħanfus li huma jaqbdu fl-arja waqt li jkunu jtiru.

Uħud mill-friefet il-lejl għandhom ħajja komplessa ħafna. Dawn jorqdu raqda twila matul ix-xhur kesħin tax-xitwa sal-bidu tar-rebbiegħa. Dan jagħmluh kemm waħedhom kif ukoll fi gruppi li kultant jilħqu numri kbar ħafna. Għal nofs Mejju, in-nisa jinġabru f'postijiet apposta li jissejħu *nurseries*. Hemmhekk iwelldu ferħ wieħed, u kultant tewmin. Għal perijodu ta' madwar ġimagħtejn il-ferħ joħroġ jittajjar ma' ommu billi jiggranfa ma' żaqqha. Wara dan il-perijodu, il-frieħ jitħallew waħedhom waqt li l-omm tmur tikkaċċja l-ikel.

Dari dawn il-ħlejjaq kienu ferm aktar komuni, iżda llum il-ġurnata naqsu ħafna għal bosta raġunijiet. Il-Friefet il-Lejl huma ħlejjaq sensittivi ħafna. Ħafna jmutu matul ix-xitwa meta xi nies iqajmuhom mir-raqda tagħhom ġewwa xi għar. Dawn jitilfu ħafna enerġija, u fix-xhur kesħin, mhux faċli li jsibu l-ikel. Imqar is-sħana li toħroġ minn bniedem hija biżżejjed biex tqajjem farfett il-lejl. Il-bini, il-bexx, il-vendikazzjonijiet u ħafna kaġunijiet oħra kollha jikkontribwixxu biex in-numru ta' friefet il-lejl fil-gżejjer tagħna jammonta biss għal ftit mijiet. Kolonja kbira tal-farfett il-lejl Widnet il-Ġurdien, li kien fiha aktar minn 500 farfett il-lejl, in-qerdet minħabba l-bini. Kolonji oħra qegħdin jinqerdu minħabba ħaġa jew oħra.

Fost il-friefet il-lejl li nsibu fil-gżejjer Maltin, insibu tnejn minn familja li hija differenti mill-friefet il-lejl l-oħra għaliex għandhom il-forma ta' l-imnifsejn elaborata ħafna u tixbaħ in-nagħla ta' żiemel. Minħabba f'hekk jissejħu Friefet il-Lejl tan-Nagħla. Ġwenħajhom huma wesgħin, ta' kulur kannella sewdieni. Widnejhom huma wesgħin u bil-ponta mgħawġa 'l isfel. Il-kisja ta' suf hija folta ħafna u ta' kulur irmiedi minn fuq u ċar minn taħt.

Fix-xitwa dawn il-friefet il-lejl tan-nagħla jirtiraw f'għerien, mini u kantini. Normalment jorqdu waħedhom, iżda mhux rari li nsibu speċi differenti reqdin flimkien. Meta l-ġranet ikunu kesħin ħafna, il-friefet il-lejl tan-nagħla jgeżwru l-ġwienaħ madwarhom u dawn jifformaw speċi ta' kutra naturali.

---

*Farfett il-Lejl Widnejh Kbar — frekwenti fil-gżejjer Maltin*


A Micallef '95

Iż-żewġ speċi ta' friefet il-lejl minn din il-familja li nsibu fil-gżejjer Maltin huma l-Farfett il-Lejl tan-Nagħla Kbir u l-Farfett il-Lejl tan-Nagħla Żgħir. Ta' l-ewwel huwa rari ħafna, filwaqt li l-ieħor huwa pjuttost komuni.

Il-Farfett il-Lejl tan-Nagħla Kbir għandu fetħa tal-ġwienaħ ta' madwar 35ċm, iżda l-farfett il-lejl innifsu hu twil xi 6ċm. Il-fetħa tal-ġwienaħ tiegħu jagħmluh l-akbar speċi mill-familja tal-friefet il-lejl tan-nagħla. Mill-banda l-oħra, il-Farfett il-Lejl tan-Nagħla Żgħir huwa l-iżgħar għax fih biss tul ta' 3.5ċm b'fetħa tal-ġwienaħ ta' madwar 24ċm.

L-akbar farfett il-lejl li nsibu fil-gżejjer Maltin huwa Farfett il-Lejl Widnet il-Ġurdien. Dan fih tul ta' 7.6ċm u għandu fetħa tal-ġwienaħ li tlaħħaq madwar 40ċm. Huwa kannella ċar minn fuq u bajdani minn taħt. Widnejh huma kemxejn kbar. Il-ġwienaħ huma ta' lewn kannella ċar.

Il-Farfett il-Lejl Widnet il-Ġurdien jaqbad baħrijiet u ħanfus waqt li jkunu jtiru. Hu joħroġ jittajjar hekk kif jidlam u jieqaf kulltant hin; wara waqfa qasira jerġa' jerhilha jittajjar u jikkaċċja.

Il-Farfett il-Lejl Widnet il-Ġurdien jinstab l-iżjed fl-għerien, fejn jorqod imdendel, kif ukoll ġewwa xi xaqq jew toqba. Ftit tas-snin ilu kien wieħed fost l-aktar friefet il-lejl komuni fil-gżejjer Maltin. Kolonja waħda li kienet tinstab f'Għar il-Friefet, f'Birżebbuġa, kien fiha madwar 300 farfett il-lejl minn dawn. Illum sar rari ħafna.

L-iżgħar u l-aktar farfett il-lejl komuni fil-gżejjer Maltin huwa bla dubju ta' xejn il-Pipistrell. Dan ikun fih minn 3.3ċm sa 5.2ċm biss b'fetħa tal-ġwienaħ li tlaħħaq madwar 22ċm.

Il-Pipistrell insibuh l-aktar f'ambjenti mibnija, u anke fir-raba' u postijiet bis-siġar. Il-Pipistrell huwa dak il-farfett il-lejl li narawh jittajjar fit-toroq tagħna. Huwa jorqod f'toqob fil-ħitan u joħroġ jittajjar hekk kif tinħeba x-xemx. Ma jtirx fil-għoli ħafna u jittajjar bil-mod b'titjira mgerfxa ħafna. F'lejl wieħed il-Pipistrell jiekol madwar 2000 nemusa.

Għall-ħabta ta' Mejju, in-nisa ta' dan il-farfett il-lejl jiltaqgħu flimkien u jserrħu mas-saqaf ta' xi bini. Hawnhekk iwelldu minn ferħ sa tewmin. Għall-ħabta ta' Awwissu dawn il-frieħ jitilqu minn mal-grupp. Iżda matul dan iż-żmien kollu l-irġiel ikunu kollha għal rashom, imferrxa f'postijiet differenti. Għall-ħabta ta' Ottubru l-irġiel jerġgħu jingħaqdu man-nisa u flimkien isibu post wieħed, fejn numru minn dawn il-friefet il-lejl jorqdu matul ix-xitwa sakem jerġgħu jaslu l-jiem sħan tas-sajf.

Il-Farfett il-Lejl ta' Widnejh Kbar ismu miegħu, għax għandu wid-

nejħ twal ħafna. Huwa fih tul ta' xi 4.5ċm, b'fetha tal-ġwienaħ li tilħaq madwar 28ċm. Dan il-farfett il-lejl ma tantx huwa rari. Dan jinstab f'postijiet mibnija, iżda huwa aktar komumi f'postijiet bis-siġar, fejn jorqod f'xi toqba ġo xi zokk. Fix-xitwa jagħżel għerien, xquq fil-blat u kultant anke xi bini. Għall-ħabta ta' Mejju, in-nisa ta' dan il-farfett il-lejl jiltaqgħu flimkien, għalkemm anke l-irġiel ikunu miġburin ftit 'il-bogħod minnhom. In-nisa jwelldu ferħ wieħed għall-aħħar ta' Ġunju jew fil-bidu ta' Lulju. Il-Farfett il-Lejl ta' Widnejħ Kbar joħroġ jikkaċċja wara li jidlam. L-ikel tiegħu jikkonsisti l-iżjed f'baħrijiet, nemus u ħanfus żgħir.

Fl-1993 ġie osservat farfett il-lejl ġdid għall-gżejjer Maltin - it-Tadarida. Dan il-farfett il-lejl huwa wieħed mill-akbar friefet il-lejl li nsibu fir-reġjun. Għandu fetħa tal-ġwienah li tlaħħaq l-41 ċm. Il-farfett il-lejl innifsu fih bejn 8ċm u 9ċm b'denb ta' madwar 4.5ċm. Huwa proprju dan id-denb li jagħmel dan il-farfett il-lejl uniku. Kuntrarju għall-ispeċi l-oħrajn, id-denb tat-Tadardida mhux magħqud mal-ġilda li taqgħad mas-saqajn, iżda huwa mdendel 'l barra. Sa l-1995, żewġ individwi biss ġew osservati fis-swar taċ-Ċittadella ġewwa Għawdex. X'aktarx li dan il-farfett il-lejl ipassi.

Il-Friefet il-lejl kollha li jidhru fil-gżejjer Maltin ġew imħarsa bil-liġi fit-13 ta' April 1993. Dan kien pass importanti ħafna biex dawn il-mammiferi jkunu jistgħu jibqgħu jaqsmu dawn il-gżejjer magħna. Biss xorta waħda għad hemm il-bżonn li nwarrbu l-ħafna ħmerijiet u ħrejjef li jeżistu fuq dawn il-ħlejjaq. ❑



*Il-mod kif il-friefet il-lejl tan-nagħla jgeżwru l-ġwienaħ madwarhom*


HOTEL
CAR HIRE
GUEST
INSURANCE
BANKING
WELCOME
LOUNGE
CHECK-IN
PARKING
LA VALETTE
LA VALETTE
Sovereign Club
YOUR
PREMIER
TRAVEL CLUB
Freephone 0800 77 66 66
MALTA
INTERNATIONAL
AIRPORT

# IL-ĦAJJA FL-GĦADAJJAR

## Il-Gambli ta' l-Għadajjar u l-Gambli tal-Qoxra

*Sandro Lanfranco*

Matul l-istaġun tax-xita, bejn Settembru u Marzu, jinġabar l-ilma ħelu fl-għadajjar żgħar fix-xagħri. Ħafna minn dawn l-għadajjar jinxfu f'temp ta' ftit sigħat jew ġranet. Iżda xi ftit minnhom jistgħu jkunu kbar biżżejjed u fondi biżżejjed biex iżommu kwantita' ta' ilma tul dan iż-żmien. Hekk kif dawn l-għadajjar jimtlew bl-ewwel xita, jibdew jitfaċċaw ħafna pjanti u annimali żgħar. Xi ftit minnhom ikunu ġew fl-għadira minn xi mkien ieħor, iżda ħafna oħrajn ikunu faqqsu hemmhekk stess: minn bajd li jkun moħbi fil-ħamrija tal-qiegħ. Ħafna minn dawn l-annimali huma żgħar u, minħabba li ma jagħtux ħafna fil-għajn, ma tantx huma magħrufin.

### Il-Gambli ta' l-Għadajjar

Dawn l-annimali sikwit jinstabu fl-għadajjar tax-xita, fejn kultant ikunu numerużi ħafna. Maddaqqa t'għajn, għandhom apparenza delikata. Huma twal madwar żewġ ċentimetri, daqsxejn trasparenti u jgħumu fuq daharhom, wiċċhom 'il fuq lejn id-dawl. Ġisimhom huwa tawwali, mgħammar bi hdax-il par saqajn u jintemm f'denb maqsum fi tnejn. Fuq rashom għandhom żewġ għajnejn fuq zkuk u żewġ pari antenni. Fl-irġiel dawn l-antenni jkunu ħafna itwal milli jkunu fin-nisa. Il-kulur ta' dawn il-gambli huwa kannella ċar ħafna, iżda xi wħud jista' jkollhom kuluri differenti f'ċirkostanzi partikolari. Il-ħafna saqajn ta' dan l-annimal huma ta' importanza kbira għax ma jintużawx biss għall-qdif, iżda jintużaw ukoll biex jieħu n-nifs minnhom u biex jgħinuh jiekol.




*Gamblu ta' l-Għadajjar*

Is-saqajn qatt ma jieqfu mill-qadfa ritmika u regolari tagħhom matul il-ħajja ta' dan il-gamblu.

Id-differenza bejn l-irġiel u n-nisa tidher faċilment fl-adulti. L-irġiel ikollhom żewġt iqrun twal li jwasslu minn fuq rashom 'l isfel ma' għonqhom. Dawn il-qrun fil-fatt huma wieħed mill-pari antenni. In-nisa jintgħarfu minn borża ta' bajd fertilizzat li tinstab 'l isfel minn żaqqhom. Din il-borża tkun ta' diversi kuluri jgħajtu: kannella skur, aħmar, oranġjo, ikħal u aħdar. Il-mara titlaq il-bajd fertilizzat fl-ilma u dan jaqa' fil-ħamrija tal-qiegħ. Xi wħud minn dan il-bajd ikollhom qoxra ħoxna ħafna biex jifilħu għan-nixfa tas-sajf, meta l-għadira tkun mingħajr ilma. Dawn ifaqqsu ma' l-ewwel xita tas-sena ta' wara. Dan il-bajd huwa reżistenti ħafna, u jista' jgħaddi bosta snin fil-ħamrija niexfa mingħajr ma jfaqqas u xorta jibqa' ħaj.

Il-gambli ta' l-għadajjar jieklu pjanti u annimali mikroskopiċi li jinsabu fl-ilma. Biex jaqbduhom, joħolqu kurrent ta' ilma bil-qdif ta' saqajhom. Dan il-kurrent iġorr l-annimali u l-pjanti mikroskopiċi ta' l-ilma lejn ħalq il-gamblu, fejn jittieklu u jidħlu fl-istonku. Minħabba li l-gamblu ta' l-għadajjar huwa kemxejn trasparenti, il-kulur tiegħu jista' jitbiddel għal ftit ħin, skond xi jkun kiel. Gamblu li jkun għadu kemm kiel ħafna pjanti mikroskopiċi jista' jidher ta' kulur aħdar sakemm dawn jiġi diġeriti.

Il-gambli ta' l-għadajjar huma krustaċji, bħall-granċijiet u ħnieżer l-art, iżda, b'differenza minn dawn l-annimali, m'għandhomx qoxra iebsa fuq barra. Fil-gżejjer Maltin jinstabu żewġ speċi ta' dan il-gamblu. L-iktar komuni jissejjaħ *Branchipus schaefferi*. L-ispeċi l-oħra, li nstabet darba f'Għawdex u darb'oħra f'Malta jisimha *Branchipus stagnalis* forma *visnyai*.

**Il-Gambli tal-Qoxra**

Dawn il-gambli jgħixu fl-istess ambjent bħall-gambli ta' l-għadajjar, u ż-żewġ tipi ta' gamblu sikwit




*Gamblu tal-Qoxra*

jinstabu fl-istess għadira. Il-Gamblu tal-Qoxra huwa ħafna inqas komuni mill-gamblu ta' l-għadajjar, u kważi qatt ma jinstab f'għadajjar żgħar ħafna. Barra minn dan, meta jinstabu f'xi għadira kważi qatt ma jkunu numeruzi.

Id-dehra tal-gambli tal-qoxra hija differenti għalkollox minn dik talgambli ta' l-għadajjar. Għandhom kulur aħmar skur jew kannella u l-ġisem irqiq tagħhom, li fl-adulti jista' jilħaq madwar ċentimetru tul, huwa mgħotti b'qoxra ovali maqsuma fi tnejn, li tista' tinfetaħ u tingħalaq qisha ktieb, skond il-bżonn. Il-qoxra tixbah ħafna lil dik ta' gajdra (*clam*), b'diversi linji madwar ilforma tal-qoxra. Il-ġisem innifsu huwa mgħammar b'ħafna pari saqajn u b'denb li jintemm f'difer twil. Fuq ir-ras hemm żewġ għajnejn żgħar viċin ħafna ta' xulxin u żewġ pari antenni twal. Bħal dawk tal-gamblu ta' l-għadajjar, saqajn il-gamblu tal-qoxra ukoll jintużaw għall-qdif, biex jieħu n-nifs u biex jiekol. Il-ġisem huwa mwaħħal mal-qoxra permezz ta' muskolu.

L-irġiel u n-nisa ma jintgħarfux minn barra, iżda xi kultant minn ġol-qoxra jistgħu jidhru l-boroż kbar tal-bajd li jkunu fil-ġisem talmara. Dawn tbidhom meta l-għadira tkun waslet biex tinxef u jibqgħu fil-ħamrija tul is-sajf sakemm ifaqqsu meta l-għadira terġa' timtela bl-ilma.

Dawn l-annimali ma tantx jagħtu fil-għajn. Għax għal ħinijiet twal ikunu nofshom moħbija filħamrija tal-qiegħ, fejn ikunu qed jieklu annimali u pjanti mikroskopiċi li jgħixu hemm. Meta jgħumu, joqogħdu f'pożizzjoni dritta, il-qoxra tinfetaħ u jaqdfu b'saqajhom. L-għawma tikkonsisti f'diversi qabżiet żgħar u qatt ma tkun twila ħafna. Bħallgambli ta' l-għadajjar, il-gambli tal-qoxra ukoll huma krustaċji. Fil-gżejjer Maltin tinstab speċi waħda biss, li tissejjaħ *Cyuzicus tetracerus.* ❑

## IMTELLGĦA L-QORTI GĦAX QABDU L-FRIEFET

Fl-14 ta' Diċembru 1993, tliet irġiel minn California, l-Istati Uniti, ġew mixlija li kellhom aktar minn 210 friefet li kienu mħarsa mil-Liġi ta' l-iSpeċi fil-Periklu. Dawn il-friefet kienu allegatament maqbuda minn parki nazzjonali, riservi tal-ħajja selvaġġa, u foresti nazzjonali matul il-punent ta' l-Istati Uniti u l-Messiku. Kien allegat li, matul perijodu ta' 9 snin, mill-1983 sa l-1992, dawn l-irġiel qabdu aktar minn 2200 farfett, kollha mħarsa mil-liġi, għall-qliegħ tal-flus.

Fit-tfittxija li saret fid-9 ta' Ġunju 1992, xi aġenti tal-*US Fish and Wildlife Service* ikkonfiskaw 229 farfett, fosthom 87 Kaibab Swallowtail, mid-dar ta' wieħed minn dawn l-imseħbin. Fil-25 ta' Ġunju 1992 dawn l-aġenti kkonfiskaw ukoll, mid-dar ta' ieħor mill-imseħbin, 188 farfett maqbuda minn *Santa Ana National Wildlife Refuge*, 124 farfett minn Bentsen-Rio Grande State Park, Texas, u 513-il farfett mill-Messiku

Fit-2 ta' Lulju 1992, l-aġenti fittxew fid-dar tat-tielet imsieħeb u sabu 176 farfett maqbuda illegalment minn parki nazzjonali. Il-friefet kollha kienu mejta u bbalzmati u miżmuma fi kxaxen apposta bil-ħġieġ Jekk jinstabu ħatja, dawn it-tliet imsieħba jistgħu jeħlu sa ħames snin ħabs kull wieħed, multa ta' 250,000 dollaru Amerikan, u perijodu ta' ħelsien taħt l-osservazzjoni. ❑

*Traffic USA* 13(1)

## IT-TNIĠĠIS FIL-BAĦAR

## IT-TONN LI DARBA KIEN HAWN

It-Tonn hija ħuta li għandha valur kummerċjali għoli. Minħabba f'hekk, it-Tonn jista' jibda jitqies ma' dawk l-ispeċi li qegħdin fuq l-għatba ta' l-għajbien tagħhom minn wiċċ id-dinja. Din hija t-twissija li ngħatat f'rapport tal-*Worldwide Fund for Nature* (WWF). In-numru ta' Tonn tax-Xewka Blu f'xi postijiet waqa' b'90 fil-mija minħabba l-qbid bla rażan. Dan ġara l-aktar fl-Atlantiku, iżda ġara wkoll fil-Mediterran u fil-Paċifiku. Ix-xerrejja ewlenin ta' din il-ħuta huma r-ristoranti tal-Lvant Imbiegħed, speċjalment fil-Ġappun, fejn dawk li jħobbu s-*sushi* jieklu 40% tat-tonn kollu maqbud fid-dinja ❑

*Naturopa Newsletter*
Kunsill ta' l-Ewropa 93-12

Kull sena, madwar 700,000 tunnellata nitroġenu u 30,000 tunnellata fosfru qed jiskulaw fix-xmajjar u fl-ilma tal-pjan u jsibu ruħhom fil-baħar Nordiku. Dawn il-kimiċi jintużaw fl-agrikultura. Aktar minn 190,000 tunnellata pestiċidi għall-biedja u għexieren ta' eluf ta' tunnellati ta' pestiċidi mhux għall-biedja, li jintużaw biex jiġu ppreservati l-injam u d-drapp, ukoll jaħarbu fl-ambjent. Barra minn hekk, ta' kull sena madwar 60,000 tunnellata żejt u skart ieħor żejtni, ħafna minnu illegali, jintremew mill-vapuri fil-baħar Nordiku. ❑

*Naturopa Newsletter*
Kunsill ta' l-Ewropa 93-12



## ĠENB IT-TRIQ KENN GĦALL-FJURI SELVAGGI

Fir-Renju Unit, madwar 30,000 ettaru ta' ġnub ta' triqat, li huma taħt il-kontroll tad-Dipartiment tat-Trasport, ġew magħrufa bħala ambjenti naturali ġodda għall-fjuri selvaġġi. Madwar 384 speċi, uħud minnhom rari fuq skala nazzjonali, instabu jikbru matul it-triq M1 minn Londra sa Leeds.

Id-Dipartiment tat-Trasport għandu politika ambjentali li tiġbor fiha l-ħolqien u t-trawwim mill-ġdid ta' ambjenti għall-ħajja selvaġġa biex jiffurmaw riservi naturali zgħar fil-ġnub tat-toroq.

Jekk wieħed josserva l-mod kif jitnaddfu l-ġnub tat-toroq hawn Malta, u jagħmel paragun ma' l-attenzjoni li tingħata lil postijiet simili firRenju Unit, wieħed malajr jinduna kemm aħna neqsin mill-apprezzament tal-ħajja naturali f'dan il-pajjiż ❑

*Naturopa Nesletter*
Kunsill ta' l-Ewropa 93-12

## L-AJKLA DENBHA ABJAD

Matul dawn l-aħħar 20 sena, in-numru tat-tajra tal-priża l-Ajkla ta' Denbha Abjad fin-Norveġja tela' minn 700 par għal madwar 1500 par. Minbarra din iż-żieda, dawn l-għasafar żiedu fit-territorju tagħhom aktar lejn in-nofsinhar tan-Norveġja. Illum insibu madwar 5,000 par minn dawn l-għasafar tal-priża madwar id-dinja, bl-akbar numru minnhom fin-Norveġja.

Anke fil-Germanja, fil-parki ta' Schleswig-Holstein, dan l-għasfur kellu riżultati tajba fin-numru tal-bejtiet. Dan ġie bħala riżultat ta' kampanja edukattiva dwar din l-Ajkla illi kienet tinkludi l-kiri u xi minn daqqiet ix-xiri ta' firxiet ta' ilma u anke siġar li kienu tajbin biex fuqhom tinbena l-bejta ta' dan l-għasfur. Riżorsi oħra tħallsu minn taxxa annwali fuq il-kaċċaturi tar-reġjun, li l-flus miġburin minnha ngħataw għal din il-kampanja. ❑

*Naturopa Newslette*
Kunsill ta' l-Ewropa 93-12.

# ISMIJIET TA' SPEĊI I JISSEMMEW F'DIN IL-ĦARĠA

| Malti | Xjentifiku | Ingliż |
|---|---|---|
| Ajkla ta' Denbha Abjad | *Haliaetus albicilla* | White-tailed Eagle |
| Basal il-Ħnieżer | *Muscari comosum* | Tassel Hyacinth |
| Buħarrat | *Gryllotalpa quindecim* | Mole Cricket |
| Daqquqa tat-Toppu | *Upupa epops* | Hoopoe |
| Farfett il-Lejl | | |
| ta' Birżebbugia | *Rhinolophus mehelyi* birzebbugensis | Extinct Maltese Horse-shoe Bat |
| ta' Għar Dalam | *Myotis għardalamensis* | Extinct Maltese mouse-eared Bat |
| tan-Naghla Kbir | *Rhinolophus ferrumequim* | Greater Horse-shoe Bat |
| tan-Nagħla Zhir | *Rhinolophus hipposideros* | Lesser Horse-shot Bat |
| Widnejh Kbar | *Plecotus austriacus* | Grey Long-eared Bat |
| Widnet il-Ġurdein | *Myotis blythi* | Lesser Mouse-eared Bat |
| Gamblu ta' l-Għadajjar | *Branchips schaefferi* | Fairy Shrimp |
| Gamblu tal-Qoxra | *Cyzicus tetracerus* | Clam Shrimp |
| Ġjaċint tal-Ħarifa | *Muscari parviflorum* | Autumn Grape Hyacinth |
| Imħara Kaħla | *Patella caerulea* | Blue Limpet |
| Imħara tal-Furħan | *Patella ulyssiponensis* | Rough LImpet |
| Imħara tas-Samma | *Patella rustica* | Brown Limpet |
| Molluski | Mollusca | Molluscs |
| Muskari skur | *Muscari commitatum* | Narrow-leaved Grape Hyacinth |
| Muskari tal-blat | *Muscari neglectum* | Southern Grape Hyacinth |
| Pipistrell | *Pipistrellus pipistrellus* | Pipistrelle |
| Sturnell | *Sturnus vulgaris* | Starling |
| Tadarida | *Tadarida teniote* | European Free-tailed Bat |
| Tonn tax-Xewka Blu | *Thunnus thynnus* | Blue-finned Tuna |
| Vampir | *Desmodus rotundus* | Vampire Bat |


GET
REAL
Kinnie